**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 17 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 4904/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritienne Gauci)**

**-vs-**

**Luca Emanuele Corito**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Luca Emanuele Corito** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Williams Dionisios Angelos u Lianne Marie xebba Farrelly, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 354302L u residenti ġewwa Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Pieta', li jinsab akkużat:-

1. Talli fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs) u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30hrs) ġewwa Triq San Ġwann, Għargħur, u jew xi postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D fid-digriet tagħha datat erbgħa (04) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) li bih tat l-ħelsien mill-arrest;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

4. Irrifjuta li jagħti jew ta l-partikularitajiet tiegħu foloz jew mhux sew lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru;

5. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 2001, PC 1485 u PC 992, uffiċjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallejtx jaqdu, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 2001, Pc 1485 u PC 992, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih Luca Emanuele Corito ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukati difensuri tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu kundanna waħda dwar sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan. Qieset ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li qablu li l-ksur tal-liġi in kwantu għas-sitt (6) imputazzjoni li tirriaviża l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, hija naxxenti minn inġurji u theddid li saru verbalment. Tqis ukoll li l-partijiet iddikjaraw li fil-ħin tal-arrest li sar il-bieraħ stess, l-imputat skuża ruħu għall-aġir tiegħu u reġa' skuża ruħu b'mod inkondizzjonat quddiem din il-Qorti. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmertitawx piena ta' ħabs effettiv.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 338(dd), 338(ee), 338(g) 338(m), 339(1)(e), 579(1)(2)(3)(4), kif ukoll l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Luca Emanuele Corito** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' xahrejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien sentejn mill-llum, kif ukoll multa ta' tlett elef ewro (€ 3000).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien wieħed u tletin (31) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' parti tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' elf ewro (€1000) rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech nhar l-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

In vista ta' dak dikjarat mill-prosekuzzjoni, il-Qorti mhux qegħda tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Luca Emanuele Corito et* pendenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara